# Xbieha tal-Assunta ġewwa l-Kolleġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta

Mario Fenech

Dan il-kwadru, li fil-preżent jinsab fit-taraġ li permezz tiegħu tasal għall-Awla Kapitulari tal-Kolleġjata ta' San Pawl Nawfraġu fil-Belt Valletta huwa ta' San Liborju, iżda fil-parti ta' fuq insibu xbieha ta' Marija Assunta. Ma nafux min hu l-artist li pitter dan il-kwadru, iżda diversi studjużi jxebbħuh mal-iskola ta' Mattia Preti jew mas-segwaċi tiegħu. Il-preżenza ta' iktar minn xbieha ta' qaddis wieħed ġewwa kwadru wieħed huwa komuni fil-pitturi li jinsabu fil-knejjes tagħna. Ħafna drabi dan iseħħ għaliex ikun żmien fejn tinbidel id-dedika tal-altar, u l-qaddis li għalih ikun iddedikat jinżamm fl-ikonografija tal-kwadru l-ġdid. Jista' jagħti l-każ ukoll li xi benefattur li jkun ser iħallas għall-kwadru jgħid lill-artist biex jinkludi fix-xena lil dak il-qaddis li għalih hu jkun imsemmi jew għandu xi devozzjoni partikolari lejh.

Eżempju ta' dan insibu l-kwadru ta' San Martin ta' Tours li flimkien max-xbieha tal-qaddis hemm ukoll ix-xena tat-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Marija. F'dan il-kwadru ta' San Liborju naraw kif l-artist ried li x-xena tal-Assunzjoni fil-parti ta' fuq tal-kwadru tolqot fil-għajn. Dan huwa jagħmlu permezz ta' kuluri ċari u vibranti li jikkuntrastaw mal-bqija tal-isfond. Ix-xbieha ta' Marija tinsab fuq tron tas-sħab, filwaqt li ħarsitha mitfugħa 'l fuq lejn is-Sema. Mal-ġnub tal-figura ta' Marija naraw xi anġli li qegħdin jagħtuha glorja filwaqt li qegħdin jakkumpanjawha f'dan il-vjaġġ tagħha. Fin-naħa t'isfel tal-kwadru tiddomina l-figura ta' San Liborju, liebes ilbis rikk u fin t'isqof, iħares 'il fuq u jinnota b'attenzjoni u qima kbira dak li qed iseħħ quddiemu. Ta' min jinnota d-dettal li l-artist daħal fih biex juri l-kobor ta' dan il-mument mistiku.

Dan huwa xogħol ieħor minn numru kbir ta' kwadri li nsibu madwar Malta u Għawdex li juru fihom ix-xbieha ta' Marija Assunta. Dan huwa xhieda ta' kemm il-kult tal-Assunzjoni ta' Marija Santissima huwa antik u mifrux madwar pajjiżna; kult li jqanqal devozzjoni kbira fostna l-Maltin. Il-Festa t-tajba lil kulħadd.




